Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' Frar 2018**
**(OR. fr)**

**6053/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0148 (COD)**

**CODEC 178**
**CLIMA 23**
**ENV 71**
**ENER 45**
**TRANS 65**
**IND 44**
**COMPET 64**
**MI 75**
**ECOFIN 96**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fis-16 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Diċembru 2015[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' April 2016[3].

1 dok. 11065/15.
2 ĠU C 71, 24.2.2016, p. 57.
3 ĠU C 240, 1.7.2016, p. 62.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-6 ta' Frar 2018. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għandu għalhekk ikun aċċettabbli mill-Kunsill[1].

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, hekk kif tinsab fid-dokument PE-CONS 63/17, bid-delegazzjoni Ungeriża tastjeni;

- jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] dok. 5860/18.